TRANSATLANTIC FRIENDS OF ISRAEL
INTER-PARLIAMENTARY GROUP
AN AJC PROJECT

# Dikjarazzjoni Transatlantika: TEMMU D-DISKRIMINAZZJONI ta' Iżrael fin-NU

**Aħna, leġiżlaturi miż-żewġ naħat tal-Atlantiku u minn partiti diversi, insejħu lill-Istati Membri tal-UE u demokrazija sħab sabiex jgħinu tintemm id-diskriminazzjoni sistematika ta' Iżrael fin-Nazzjonijiet Uniti (NU).**

Biex insemmu biss ftit eżempji: Fl-2020, l-Assemblea Ġenerali tal-NU adottat 17-il riżoluzzjoni imxaqilba lejn naħa waħda kontra Iżrael u sitt riżoluzzjonijiet biss li jsemmu sitta mill-192 Stat Membru ieħor għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Il-Kunsill tal-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jimmira biss lejn stat wieħed – Iżrael – b'suġġett fuq l-aġenda separat u waħdu (Nru 7), waqt li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi l-oħra kollha huma ikkunsidrati taħt suġġett wieħed fuq l-aġenda (Nru 4). Preżentament, 21 fil-mija tar-riżoluzzjonijiet adottati mill-Kunsill dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jiffokaw biss fuq Iżrael. F'Settembru li għadda, il-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tal-NU ikkundanna lill-Iżrael waħdu fost in-nazzjonijiet għax allegatament kiser id-drittijiet tan-nisa.

Fil-kuntest tal-antisemitiżmu globali dejjem jiżdied, il-kundanna bla waqfien, sproporzjonata u ritwalistika tal-uniku stat Lhudi fid-dinja fl-NU hija partikularment perikoluża u finalment għandha tintemm. L-Iżrael jistħoqqlu l-attenzjoni u l-iskrutinju, kif ikollu kull nazzjon ieħor. Iżda jimmerita wkoll trattament ugwali – xejn aktar, xejn anqas.

Bħala persuni li nappoġġaw bis-sħiħ ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, aħna niżbgħu li dawn l-atteġġjamenti doppji kontra l-Iżrael jagħmlu ħsara wkoll lill-NU nnifisha. Bil-ksur tal-Għanijiet u l-Prinċipji tagħha, li jimpenjaw lill-organizzazzjoni li "tiżviluppa relazzjonijiet ta' ħbiberija bejn in-nazzjonijiet," u mal-"prinċipju tal-ugwaljanza sovrana tal-Membri kollha tagħha,", L-NU qed timmina l-kredibbilità tagħha u titlef l-appoġġ pubbliku. Barra minn dan, meta tqatta' ammont eċċessiv dwar l-Iżrael, l-NU qed idawwar r-riżorsi skarsi u l-attenzjoni minn kriżijiet internazzjonali urġenti. Kif qal il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Ġermaniż Heiko Maas fl-2019:

*"L-Iżrael sal-lum għadu qed jiġi kkundannat, trattat b'manjiera preġudikata u immarġinalizzat mhux xieraq fil-korpi tal-NU. Dan l-istat attwali huwa ta' uġigħ u mhux sodisfaċenti, ladarba l-NU hija fil-qalba tal-ordni multilaterali, ibbażata fuq il-liġi u vitali għas-sigurtà u l-paċi internazzjonali."*

Aħna, għalhekk, insejħu lill-Istati Membri tal-UE u d-demokraziji sħab kollha sabiex:

- Jivvotaw kontra l-għadd eċċessiv ta' riżoluzzjonijiet kontra l-Iżrael fl-Assemblea Ġenerali u f'organi tal-NU oħrajn. Oppożizzjoni koordinata bħal din minn stati membri demokratiċi jċaħħdu legittimità mhux mistħoqqa lil riżoluzzjonijiet diskriminatorji.

- Jaħdmu biex jirriformaw lill-Kunsill tal-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jabolixxi l-Punt 7 tal-Aġenda, li huwa maħsub li jiċċensura u jistigmatizza lill-Iżrael.

- Jaħdmu biex jgħinu biex ma jkomplux il-kumitati u programmi diskriminatorji tal-NU b'mandatt speċifiku li jippromwovu aġenda anti-Iżraeljana, li sservi biss sabiex timmina l-prospetti ta' paċi fi ħdan il-qafas ta' soluzzjoni negozjata għal żewġ stati.

Kif kien qal il-mejjet Segretarju Ġenerali tal-NU, Kofi Anan, kemm l-Iżrael kif ukoll l-NU "twieldu mill-irmied tal-Olokawst." Il-komunità transatlantika tad-demokraziji għandha għalhekk dover sagru li s-sistema tal-NU ma tintużax ħażin aktar biex dejjem tivvilifika lill-istat Lhudi u , meta tkun qed tagħmel dan, tagħmel ħsara lill-korp dinji innifsu u l-valuri universali tagħha.